ddeterminat bl-ebda mod fis-sentenza appellata illi l-Qorti tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex din tiddelibera u tiddeċidi t-talbiet li minnhom asteniet;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

**17 ta' Lulju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Dr. Eddie Fenech Adami *noe*

*versus*

Dr. Joe Pirotta *noe et*

**Xandir - Imparzjalita' - Qorti Kostituzzjonali - Ġurisdizzjoni - Kostituzzjoni - Interpretazzjoni ta'**

*Appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dwar allegat żbilanċ u parzjalita' fix-xandir. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li tali appell kien null billi l-ġurisdizzjoni fuq il-materja kien jispetta lill-Qorti ta' l-Appell. Fil-fatt is-sentenza appellata ma kien fiha l-ebda kwistjoni*

*li kienet tinvolvi interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni biex tiġi deċiża.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* pproċeda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'din iċ-ċitazzjoni biex ifittex rimedju għall-allegat żbilanċ u parzjalita' fix-xandir bħala konsegwenza ta' serje ta' xandiriet trasmessi mill-konvenuta PBS Ltd.;

"L-attur *nomine* jippremetti li l-konvenuti *nomine* għandhom jagħtu servizz ta' xandir u jaraw li, f'materji ta' kontroversja politika jew li jirreferu għal *policy* pubblika kurrenti, tinżamm imparzjalita' xierqa. Il-konvenuti huma ukoll marbuta, taħt l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-provvedimenti ta' l-Att XII ta' l-1991 dwar ix-Xandir li jaraw li l-faċilitajiet u l-ħin tax-xandir jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti. Dan id-dmir tal-konvenuti jorbothom ukoll fil-każ ta' kull servizz ta' aħbarijiet, tkun xi tkun l-għamla tal-programmi ta' l-aħbarijiet;

Il-Kostituzzjoni u l-Liġi ta' Malta ma jħallu li ssir ebda eċċezzjoni għal dawn il-prinċipji mfissra fuq fil-każ ta' servizzi pubbliċi ta' xandir, bħal ma huma s-servizzi mogħtija mill-*Public Broadcasting Services Limited*, billi dawn huma servizzi ffinanzjati mill-Gvern għall-poplu kollu;

Fl-aħħar ħmistax-il jum qabel ma nfetħet il-kawża, il-konvenuti xandru jew ħallew li jixxandru siltiet tal-laqgħet li l-Prim Ministru, l-Onorevoli Dr. Alfred Sant, persuna politika, kien qed ikollu mal-kummerċjanti sabiex jitkellem dwar it-tibdil tal-liġi tal-*V.A.T.*, b'sistema ta' taxxi oħra. Din hija materja ta' kontroversja

politika u materja ta' *policy* kurrenti, li dwarha l-attur *nomine*, kemm bħala Kap ta' l-Opposizzjoni kif ukoll bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista, għandu fehmiet u interpretazzjoni li ma jaqblux ma' dawk li qed jagħti l-Onorevoli Dr. Alfred Sant;

Il-fatt li l-materja nnifisha li dwarha l-Onorevoli Dr. Alfred Sant kien qed ikollu laqgħat mal-kummerċjanti hija waħda ta' kontroversja politika tidher mill-fatt illli din il-materja kienet u għadha *issue* li dwarha l-partiti politiċi ewlenin ma jaqblu xejn. Għalhekk, f'soċjeta' demokratika li tħares id-dritt li għandu l-poplu għal informazzjoni sħiħa m'għandhiex issir diskriminazzjoni fil-mod kif ikunu mxandra, bix-xandir pubbliku, laqgħat dwar l-istess materja minn persuni b'fehmiet politiċi li ma jaqblux bejniethom;

L-attur kellu laqgħat bħal dawk li kellu l-Onorevoli Dr. Alfred Sant, iżda l-konvenuti naqsu milli jagħtu lil dawn il-laqgħat *coverage* bħal dak li taw lil-laqgħat tal-Prim Ministru; naqsu milli jxandru siltiet minn dawn il-laqgħat bl-istess mod u bl-istess ħin kif sar fil-każ tal-laqgħat tal-Prim Ministru. Kemm l-attur *nomine* kif ukoll l-Onorevoli Dr. Alfred Sant ser ikollhom aktar laqgħat fuq din il-materja;

L-attur *nomine* qed jgħid li dak li għamlu l-konvenuti huwa abbuż serju mill-mezzi pubbliċi tax-xandir u ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Liġi ta' Malta u lill-attur *nomine* qed jagħmillu ħsara billi ma jistax iwasssal il-fehmiet tiegħu bl-istess mod. Għalhekk talab illi l-Qorti:

Tgħid li l-konvenuti *nomine*, b'dak li għamlu jew naqsu li jagħmlu, ma ħarsux id-dmirijiet tagħhom taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-liġi;

Tgħid li l-konvenuti *nomine* ħolqu, jew ħallew li jonħoloq, żbilanċ u parzjalita` fil-qasam tax-xandir;

Sabiex jerġa' jinżamm il-bianċ xieraq, tordna lill-konvenuti li, fi żmien qasir li jingħatalhom, ixandru jew jaraw li jixxandru siltiet ta' laqgħat mal-kummerċjanti li kellu l-attur *nomine* fuq l-istess materja, jaraw li dawn is-siltiet ikunu *edited* b'mod professjonali u responsabbli u jkunu mxandra fl-istess ħin u bl-istess mod bħal dawk is-siltiet li kienu mxandra tal-laqgħat li kellu l-Onorevoli Dr. Alfred Sant; u

Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrulha xierqa sabiex jitħarsu l-jeddijiet ta' l-attur *nomine* għal xandir imparzjali u bilanċjat fil-materja *de quo*;

L-attur *nomine* talab ukoll l-ispejjeż";

B'sentenza ta' l-1 ta' Lulju, 1997 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* u laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet ta' l-attur *nomine*. Dik il-Qorti ċaħdet ukoll it-tielet talba attriċi u pprovdiet rimedju għall-vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u ta' l-Att nru. XII ta' l-1991 dwar ix-Xandir;

Appellaw, prinċipalment, minn din is-sentenza l-konvenuti *nomine* u inċidentalment l-attur *nomine*. Il-konvenuti *nomine* t-tnejn appellaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell kif appella inċidentalment ukoll l-attur *nomine*. Il-konvenuta Awtorita` tax-Xandir appellat b'appell separat imma identiku quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali, dan l-appell li ser jiġi hawn ikkunsidrat;

L-Awtorita` tax-Xandir qed issostni illi l-ġurisdizzjoni korretta

biex tisma' l-mertu ta' dan l-appell hija dik tal-Qorti Kostituzzjonali. Issostni illi l-meritu kif impost mill-attur *nomine* jimporta l-interpretazzjoni tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u partikolarment x'sinifikat kellu jingħata lill-kliem "kontroversja politika" f'dan l-artikolu li hekk jipprovdi:

"Tkun funzjoni ta' l-Awtorita` dwar ix-Xandir li tissigura illi, safejn ikun possibbli, dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu pprovduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalita` xierqa dwar ħwejjeġ ta' <u>kontroversja politika</u> jew industrijali jew li jirriferixxu għall-*policy* pubblika kurrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma maqsuma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti";

L-Awtorita` tax-Xandir issostni illi s-sentenza appellata ġiet mibnija fuq konsiderazzjonijiet magħmula fuq fatti li huma inkontestati u konsiderazzjonijiet jillustraw x'interpretazzjoni kellha tingħata lil dak it-terminu. Hi tistrieħ fuq is-subinċiż (*d*) ta' l-artikolu 96 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li:

"Appelli minn deċiżjonijiet ta' xi Qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta (kif indubbjament hi l-Prim'Awla li quddiemha aġixxa l-attur *nomine*) fuq kwistjonijiet <u>dwar interpretazzjoni</u> ta' din il-Kostituzzjoni jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali";

L-Awtorita` tinvoka ukoll għal kull buon fini l-applikazzjoni tas-subinċiż (f) ta' l-istess artikolu li jipprovdi illi kull kwistjoni deċiża minn Qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta <u>flimkien</u> ma' xi waħda mill-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi preċedenti inkluż il-paragrafu (d) fuq ċitat u li minnha jkun sar appell lil din

il-Qorti tiġi ukoll attirata fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. F'każ li l-meritu jkun wieħd mist, allura kollox kellu jiġi ttrattat *quddiem* din il-Qorti u *minnha deċiż*;

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Għall-kuntrarju hi tal-fehma illi l-foro kompetenti biex jisma' u jiddetermina dan l-appell huwa l-Qorti ta' l-Appell. Dan kif sewwa sottomess fil-preġudizzjali ssollevata mill-attur *nomine* u mill-konvenut in rappreżentanza tal-PBS Ltd. Dan proprju bl-applikazzjoni tas-subinċiż (d) ta' l-artikolu 95 appena ċitat. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-meritu ta' din il-kawża bl-ebda mod ma jimporta xi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-Kostituzzjoni jew ta' xi parti minnha. Ma saret qatt kontestazzjoni waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Prim'Awla dwar x'kien it-tifsira tal-kliem "kontroversja politika". Dan hu paċifiku. It-trattazzjoni kienet kollha ċċentrata dwar l-applikazzjoni ta' dawn it-termini għall-fatti inkontestati tal-kawża. Is-sentenza appellata nfisha għamlet eżerċizzju analtiku biex tisabbilixxi jekk il-fatti kif jirriżultawlha setgħux jew le jinkwadraw ruħhom f'dak li kien aċċettat li hi l-interpretazzjoni korretta tal-kliem "kontroversja politika". Hi infatti waslet għall-konvinċiment li tali kontroversja - anke jekk f'sens pjuttost limitat- kienet tirriżulta ppruvata. Id-disakkordju allura ma kienx fuq it-tifsir tal-kliem tal-Kostituzzjoni imma fuq l-applikazzjoni ta' dan il-kliem għall-fatti. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti applikat in-norma tal-liġi għall-fatti mingħajr il-ħtieġa li tanalizza u tinterpreta d-disposizzjoni nfisha;

Għandu ukoll jingħad illi l-azzjoni attriċi, kif impostata, anke jekk tallega leżjoni ta' l-obbligu kostituzzjonali ta' l-Awtorita` li tosserva li ma jkunx hemm żbilanċ u parzjalita` fix-xandir mhijiex strettament ibbażata fuq il-Kostituzzjoni daqskemm hi bbażata fuq

allegata vjolazzjoni ta' l-Att XII ta' l-1991 li jirregola x-Xandir. F'dak l-Att hu ukoll iddikjarat l-obbbligu li jinżamm il-bilanċ u l-imparzjalita` f'materja ta' kontroversja politika u ta' *policy* pubblika kurrenti. L-eżerċizzju li għamlet il-Qorti għalhekk hu ukoll fl-isfond u fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att;

Kif sewwa ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Dr. George Borg Olivier** ***et nomine vs*** **Professur Dr. Carmelo Coleiro** ***nomine*** deċiża fis-26 ta' Frar, 1976:

"Illi pero`, kif tajjeb ġie sottomess mill-appellant *nomine*, is-sentenza apellata ma fiha ebda interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni, u għalhekk ma hemmx lok għall-appell lil din il-Qorti *ai termini* tad-disposizzjonijiet minnhom ċitati";

Fir-rigward tan-natura ta' l-azzjoni proposta hija ukoll rilevanti l-forma li biha l-attur għażel li jipproċedi quddiem il-Prim'Awla. Il-fatt li hu pproċeda permezz ta' att taċ-ċitazzjoni jindika li hu ma kienx qiegħed jaġixxi biex jottjeni rimedju kostituzzjonali imma li aġixxa quddiem il-Prim'Awla bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali biex jirrivendika d-drittijiet tiegħu taħt il-liġi ordinarja li tiregola x-xandir fil-pajjiż;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-preġudizzjali ta' l-attur appellat u tal-konvenut PBS Ltd. u tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' dan l-appell u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu;

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, iżda bid-dritt tar-Reġistru għall-

konvenut appellanti Awtorita` tax-Xandir.